**22 ta' Diċembru, 1967**

**Imħallfin**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — President**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt. (Rome), B.A., Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. — Viċi-President**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Michael Butler

*versus*

Peter Christopher Heard

**Kolliżjoni — Responsabiltà — Negliġenza — Kolpa karozza — Sewqan eċċessiv — Danni — Likwidazzjoni ta' — Disabilità permanenti — Lucrum cessans.**

*Sewqan, anke mhux superjuri għal dak regolamentari, jista' jkun eċċessiv meta fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ jkun imprudenti u kawżattiv ta' inċident.*

*F'dan il-każ il-Qorti kkunsidrat il-kriterji li għandhom jinżammu in konsiderazzjoni biex tiġi determinat l-grad ta' disabilità permanenti u l-mod kif għandu jsir il-likwidazzjoni tad-danni.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-

*Qorti Ċivili* tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; peress illi fil-31 ta' Mejju, 1964 f'Imġarr Road, limiti tal-Imġarr, il-konvenut li kien isuq karrozza numru 24940 investa lill-attur li kien isuq il-mutur tiegħu numru 1479 u fl-istess *kolliżżjoni* kkaġunalu feriti ta' *natura* gravi u ħsara fil-mutur u danni konsegwenti mill-feriti u ħsara; premess illi l-imsemmja kolliżżjoni ġrat unikament imħabba traskuraġni, imperizja, inosservanza ta' regolamenti u negliġenza da parti *tal-konvenut*, talab illi jiġu likwidati *d-danni sofferti* mill-attur bħala konsegwenza tal-feriti u ħsara kaġonati mill-konvenut fl-imsemmija kolliżżjoni li tagħha kien unikament responsabbli l-istess konvenut, u li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attur id-danni hekk likwidati, għall-*istess* raġuni. Bl-ispejjeż.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li qal li l-kolliżżjoni ġrat unikament minħabba t-traskuraġni, negliġenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti da parti tal-attur;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Ġunju, 1967 li biha prevja l-akkoljiment tar-rakkomandazzjonijiet peritali, id-dikjarat li l-kolliżżjoni bejn il-kontendenti saret unikament ħtija tat-traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku stradali da parti tal-konvenut li konsegwentement huwa responsabbli għad-danni kollha li sofra l-attur, liema danni kollhom jiġu likwidati f'dak l-istess ġudizzju bl-ispejjeż riservati għad-deċiżjoni finali — wara li kkunsidrat:—

Omissis.

Rat is-sentenza l-oħra ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Ġunju 1966, f'din l-istess kawża li biha iddeċidiet billi, prevja l-adozzjoni tar-relazzjonijiet peritali, laqgħet it-talbiet tal-attur li mhumiex ġa deċiżi bis-sentenza tat-30 ta' Ġunju, 1966, u għal fini

tal-aħħar talba kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma komplessiva ta' sitt elef u ħames mitt lira (£6,500), kwantu għall-£500 bħala kumpens għad-dannu emerġenti u kwantu għal £6,000 bħala kumpens għat-telf ta' qligħ futur ("lucrum cessans"). L-ispejjeż, kompriżi dawk tas-sentenza tat-30 ta' Ġunju, 1966, jitħallsu kollha mill-konvenut, wara li kkunsidrat:—

Omissis.

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-Avukat Dottor Edward Fenech Adami bħala prokuratur speċjali ta' l-imsemmi Peter Christopher Heard li biha appella tant mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti tat-28 ta' Frar, 1967 kif ukoll mis-sentenza tat-30 ta' Ġunju, 1966 u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dawk is-sentenzi jiġu revokati u jiġi dikjarat illi l-kolliżżjoni in kwistjoni ġrat unikament bi ħtija ta' l-attur u għalhekk it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attur.

Rat in-nota ta' Charles Degiorgio bħala rappreżentant f'Malta ta' "The Thames and Mersay Marine Insurance Company Limited" ta' Liverpool, Ingilterra, li biha wkoll appella mill-imsemmija żewġ sentenzi u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li jiġu revokati u jiġi dikjarat illi l-imsemmi Heard ma kienx responsabbli għall-kolliżżjoni u t-talbiet ta' l-attur għalhekk jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.

Rat ir-risposta ta' l-appellat għaż-żewġ petizzjonijiet, li biha qal illi ż-żewġ sentenzi appellati huma ġusti u jistħoqqilhom li jiġu ikkonfermati bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Fis-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tat-28 ta' Frar, 1967 jingħad illi l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-kolliżżjoni ġiet deċiża bis-sentenza preċedenti tat-30 ta' Ġunju, 1966 u li din is-sentenza "illum tikkostitwixxi ġudikat". Dana mhux korrett. *Ċertament* f'każijiet bħal dawn fejn il-kwistjoni tar-responsabilità tiġi deċiża b'sentenza separata fl-ewwel lok, ikun iktar konvenjenti għal kulħadd, biex jiġi evitat dewmien u *spejjeż fl-ipotesi li dik* l-ewwel sentenza *tiġi revokata illi* l-parti li tħossha aggravata tagħmel appell minnha dak iż-żmien flok li tħalli li proċeduri jimxu għal-likwidazzjoni tad-danni. Iżda skond l-artikolu 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15), meta diversi kwistjonijiet f'kawża jiġu maqtugħa b'sentenzi separati, jista' mhux biss isir appell minn xi waħda minn dawk is-sentenzi separatament fiż-żmien li tingħata, iżda jista' wkoll isir appell minn kull waħda minnhom fiż-żmien li jmiss li jibda jgħodd minn dak inhar li tingħata l-aħħar sentenza, basta li f'dan l-appell issir tiswija espressa tas-sentenza li minnha jsir l-appell. Dan hu dak li sar fil-każ preżenti. Iż-żewġ sentenzi ta' l-ewwel Onorabbli Qorti huma espressament imsemmija fin-noti ta' l-appell, u, fiż-żewġ petizzjonijiet tintalab, ukoll espressament, ir-revoka tagħhom it-tnejn. Dwar daqshekk, ebda kwistjoni jew diffikeltà ma ġiet b'ebda mod sollevata mill-appellat.

Ikkunsidrat fuq l-appell *mis-sentenza tat-30 ta' Ġunju,* **1966.**

Il-Qorti, wara li qieset bir-reqqa kollha l-ilmenti ta' l-appellanti ma jidhirliex li ssib raġuni biex tiddiskosta ruħha mill-konklużjoni *raġġunta* mill-ewwel Onorabbli Qorti, konformi għall-opinjoni espressa mill-perit ġudizzjarju. Il-Qorti taħseb illi hu veru l-ilment ta' l-appellanti illi l-perit ġudizzjarju, fl-ewwel relazzjoni tiegħu, kien naqas li jikkunsidra, b'xi sviżta x-xhieda ta' l-appellant Heard. Mhux talli, in fatti, fil-konsiderazzjoni tal-provi magħmula minnu m'hemm ebda riferen-

ta, għal dik ix-xhieda, iżda talli fir-relazzjoni jingħad illi "il-konvenut ma deher qatt u anqas dehru x-xhieda minnu prodotti (sic). Evidentament lill-perit kienet sfuġġietlu d-definizzjoni li Heard peress li kien ser isiefer għal kollox kien ta quddiem il-Qorti qabel in-nomina tal-perit. Quddiem il-perit xehdu biss l-appellat u x-xhieda prodotti minnu u ebda xhieda ma ġew prodotti fl-interess ta' l-appellant Heard. Iżda b'dana kollu d-depożizzjoni ta' dan kienet fil-proċess u, s'intendi, ma setatx ma ġgix kunsidrata.

In-nuqqas però, ġa rimedjat meta, b'ordni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, il-proċess ġa rinxjat lill-perit biex jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu fuq dik id-depożizzjoni u jgħid jekk għandu xi tagħha kellux x'jimmodifika fir-relazzjoni premedenti tiegħu. Fil-fatt il-perit, wara li għamel l-osservazzjonijiet tiegħu fuq id-deposizzjoni ta' Heard, sab illi ma kien hemm xejn fiha li jinduċih ibiddel jew jimmodifika il-konklużjonijiet li kien wasal għalihom fl-ewwel relazzjoni tiegħu.

Il-kolliżżjoni, barra milli korriet gravament lill-appellat ikkaġunat evidentement lill-appellant Heard ukoll xokk u anzjetà u dulur kbir. Wara l-inċident Heard beda jbati minn "nervous break-dawn" b'attakki ta' sturdament u ħass ħażin tant li kellu jittieħed għall-kura psikjatrika fl-isptar ta' Bighi u ġie eventwalment dikjarat bħala mhux tajjeb iżjed għas-servizz fil-Mediterran. Tant immedjatament wara l-inċident u fuq il-post, kemm wara li l-appellat ġie meħud l-Isptar, Heard wera preokkupazzjoni dwar l-istess appellat u ipprova anki kemm-il darba, kif qal, imur jarah l-isptar. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tistax ma tħossx simpatija anki għall-appellant Heard.

B'dana kollu mill-kompless tal-provi l-Qorti jidhrilha, kif ġa ntqal, illi tant il-perit kemm l-ewwel Onorabbli Qorti ma kienux inġustifikati li jirritjenu illi l-kolliżżjoni kienet ġrat bi ħtija unikament ta l-istess Heard. Dan infatti jista' sa ċertu

pont jiġi anki argwit mill-ammissjonijiet tiegħu stess. Mistoqsi biex jgħid għal liema ċirkostanzi hu kien jattribwixxi l-kolliżżjoni, hu qal illi kien jaħseb illi l-kolliżżjoni kienet dovuta għal numru ta' kawżi li huma dawn:

> "The wall of both sides of the road is too high to permit the driver of a low-slung modern car to be able to see round or over the bend. Secondly it was a very hot day and the asphalt was in such a condition at that point that the dust on the road did not allow for efficient breaking. Then there was plaintiff's position on the road, which I have already described as on the crown of the road, but which I would like to expend by saying that from where I saw him he must have been slightly over the crown of the road. I would not say that the plaintiff was speeding, but it was my impression that in the last three or four seconds before the impact, he was trying to gather up that bit of extra speed to pull in front of the other machine. There was also no traffic sign at all on the road that there was such a bend coming. It was the first time I had driven through that road."

F'dan ir-rijassunt tal-kawżi tal-kolliżżjoni kif suġġeriti mill-istess appellant Heard, ebda ħtija m'hi addebitata lill-appellat, ħlief dik illi hu kien qed isuq, kif qal Heard, "on the crown of the road or slightly over the crown of the road." Fuq din l-allegazzjoni jingħad iktar 'il quddiem. Il-kawżi l-oħra msemmija minn Heard, li għalihom żgur li ma jistax jinżamm b'ebda mod responsabbli l-appellat, huma kollha ċirkostanzi li kienu jimponu fuq li stess Heard grad kbir ta' prekawzjoni u attenzjoni fis-sewqan. Għad illi, qabel ġie għalliwja in kwistjoni, ma kien hemm ebda sinjal tat-traffiku li jagħti twissija tagħha ,hu magħruf u l-istess Heard kien qalu qabel fix-xhieda tiegħu, illi dik il-parti tat-triq "has a num-

ber of bends before one comes to the cross-roads." Il-liwja in kwistjoni kienet qabel ma hu laħaq il-cross-roads. Voldieri din kienet triq kollha liwji. Il-ħitan fuq iż-żewġ naħat kienu għoljin b'mod illi hu, ġo car baxxa, ma satax jara x'kien hemm madwar il-liwja. Terġa', kif hu qal, il-kondizzjoni tat-triq, minħabba s-sħana, kienet *tirrendi inqas effiċjenti* il-"braking". Din kienet l-ewwel darba li kien qed jgħaddi minn dik it-triq, u għalhekk ma kienx jafha. Inoltri, kif jirriżulta, it-triq kienet relattivament dejqa, wiesgħa biss xi 11-il pied.

F'dawn iċ-ċirkostanzi kien ċar l-obbligu ta' l-appellant Heard illi isuq bl-akbar prekawzjoni hu u jdur *il-liwja*. Hu qal illi kien qed isuq bi speed ta' xi 30-35 mil fis-siegħa, iżda meta ġie biex idur hu neħħa siequ minn fuq l-*accelerator* u ħalla l-car tisslowja fuq il-momentum tagħha biex jevita li jasta jkollu jibbrejkja f'daqqa minħabba xi karrozzi li jkunu warajh. Fil-ħin li lemaħ lill-*appellat* hu qal illi l-ispeed tiegħu kien naqas għal xi 25 mil fis-siegħa u żgur ma kienx iżjed minn 30 mil.

Il-perit deherlu fl-ewwel relazzjoni tiegħu illi "kien evidenti li (l-appellant Heard) kien qed isuq bi speed qawwi bizzejjed biex ma satax *jikkontrolla* l-kors tal-car tiegħu u li wara li ħabat mal-ħajt tax-xellug, il-car ġibdet lejn il-lemin fejn l-ewwel irrokka mal-motor cycle ta' l-appellat) u mbagħad kaxkru u ħabat mal-ħajt tal-lemin"; u l-konklużjoni tal-perit f dik ir-relazzjoni kienet fis-sens illi "l-kolliżżjoni ġrat unikament minħabba imprudenza u negliġenza da parti ta' (l-appellant Heard) li kien *isuq* il-car li kellu f'idu bi speed *irragonevoli* għaċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom u mħabba f'hekk tilef il-kontroll."

Rigward li speed *ta'* Heard l-appellat xehed *illi* "f'daqqa waħda, fil-liwja, hu lemaħ il-car fuqu bħal berqa......l-ispeed tiegħu kien qawwi ħafna billi hemm il-liwja." Charles Tabone

qal illi l-car kien qed isuq "daqsxejn qawwi", u John Esposito qal illi jaħseb illi l-car kien miexi b'45 mil fis-siegħa.

Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu, l-appellant Heard kien issottometta, bi kritika għar-relazzjoni tal-perit, illi "speed ta' 30-35 m.p.h. mhux speed eċċessiv u m'hemmx dubju illi li speed limit huwa ta' 40 m.p.h." Għad illi hu veru illi li speed limit fil-kampanja kien dak iż-żmien 40 m.p.h. huwa evidenti illi dan kien "massimu" li jissoponi l-iktar ċirkostanzi favorevoli. F'liwja, fejn ma tistax tara, fejn mitħabba li stat ta' l-art il-braking hu inqas effiċjenti, fi triq li ma tafhiex anki speed ħafna inqas mill-massimu jista' jkun eżaġerat.

Din il-Qorti jidhrilha illi fiċ-ċirkostanzi kif riżultati l-perit u l-ewwel Onorabbli Qorti ma kienux inġustifikati li jirritjenu illi l-ispeed ta' l-appellant Heard kien eżaġerat u s-sewqan negliġenti.

Bħala konsegwenza ta' dan l-ispeed u tal-manuvri li għamel biex jipprova jirrimedja meta dar il-liwja, l-appellant Heard tilef il-kontroll tal-car tiegħu li wara li laqtet il-ħajt tax-xellug bil-parti tax-xellug ta' wara sbandat lejn in-naħa tal-lemin, laqtet il-motor cycle ta' l-appellat u tajritu minn fuqu u mbagħad kaxkret lill-istess motor cycle sal-ħajt tal-lemin fejn irrukkat.

Kif ġa ntqal l-unika ħtija li l-appellant Heard innifsu sata' jissuġġerixxi fix-xhieda tiegħu kontra l-appellat kienet illi dan kien qed isuq "on the crown of the road" or "slightly over the crown of the road". Din iċ-ċirkostanza hi negata mill-appellat li qal illi hu kien fuq is-side tiegħu, "imbiegħed xi tliet piedi jew erbgħa mill-ħajt tax-xellug tiegħu, però ta' quddiemu kien imħaxken mal-ħajt u għalhekk hu kien ftit iżjed 'il barra minn. Charles Tabone li kien qed isuq motor cycle ieħor wara l-appellat qal illi huma kienu fuq is-side tagħhom u meta

saret il-ħabta l-appellat kien fuq is-side tiegħu. L-istess ħaġa xehed John Esposito.

Jirriżulta illi, xi sitt piedi 'l bogħod mill-ħajt tax-xellug ta' l-appellat, instab trab u frak tal-ħġieġ; minn dan ġie argumentat, l-ewwel mis-Surġent tal-Pulizija Carmelo Galea, imbagħad mill-perit u mill-ewwel Onorabbli Qorti illi, dak kien il-point of impact fejn il-car ta' l-appellant Heard laqat l-ewwel darba lill-motor cycle ta' l-appellat. Għad illi, dak it-trab u ħġieġ setgħu kienu ta' l-vetturi involti f'din il-kollizzjoni din il-Qorti ma jidhrilhiex illi għandha tingħata mportanza eċċessiva illi dak il-fatt ma non altro għaliex m'hemmx prova illi dak it-trab u/jew dak il-ħġieġ kienu attwalment minn tal-car jew il-motor cycle. B'danakollu, anki jekk ma jingħatax każ ta' dak l-indizju, jibqgħu fil-proċess elementi biżżejjed li kienu jiġġustifikaw il-konklużjoni illi l-appellat fil-mument tal-ħabta kien fuq in-naħa tiegħu tat-triq.

Dak li jidher li ġara kien illi l-appellant Heard, dar il-liwja b'speed iktar milli kien imissu fiċ-ċirkostanzi, u meta lemaħ iż-żewġ motor cycles ġejjin mid-direzzjoni opposta, jew għax irrealizza li kien qed jokkupa spazju mill-wisgħa tat-triq aktar milli kellu dritt u kien bil-fors ser jaħbat magħhom jew xi wieħed minnhom jew insomma għax ħaseb hekk, dawwar b'saħtu l-steering wheel lejn ix-xellug; imbagħad biex ma jidħolx fil-ħajt tax-xellug b'quddiem, ipprova f'daqqa jiddritta iżda għamel hekk wisq bruskament tant illi l-car daret lejn il-lemin f'daqqa u ħabtet min-naħa tax-xellug ta' wara mal-ħajt; imbagħad hu tilef il-kontroll u l-car ġibdet lejn il-lemin u fil-perkors inkontrollat tagħha lejn dik in-naħa laqtet lill-appellat u tajritu u baqgħet sejra bil-motor cycle b'kollox tirrokka mal-ħajt.

F'parti tax-xhieda tiegħu l-appellant Heard qal: "I must have hit the wall after I hit the motor cycle. The impact with

the motor cycle caused the rear of the car to whiplash sharply to the left and into the wall." Ma jidhirx illi l-fatt ġara hekk. Dik il-parti tad-deposizzjoni ta' l-appellant Heard tidher inkonsistenti ma dak li kien qal qabel fix-xhieda tiegħu, ċioè illi l-car tiegħu ħabtet b'wara mal-ħajt fil-kors tal-manuvra meta hu biex jevita, kif qal, il-kollizzjoni ġibed lejn ix-xellug u mbagħad ipprova jiddritta immedjatament. "In the course of this manoeuvre" — hu kien qal — "the rear of the car skidded into the wall on my side and the car then moved in a parallel line about six inches removed from the wall." Del resto, fil-petizzjoni ta' l-appell tiegħu stess hu ammess illi din ta' l-aħħar hi l-vera "versjoni tiegħu ta' kif ġara l-aċċident". Din kienet il-manuvra ħażina li l-appellant Heard jidher li għamel — u, kif jidher, sab ruħu kostrett li jagħmel minħabba l-pożizzjoni li sab ruħu fiha kawżata mis-sewqan negliġent anteċedenti tiegħu — li ġagħlet il-car tiegħu tiżbanda u tolqot lill-appellat.

Kontra l-appellat irriżultaw żewġ ċirkostanzi li dwarhom, bil-proprietà kollha, ikkommentaw bil-qawwa l-appellanti. L-ewwelnett l-appellat stqarr fix-xhieda tiegħu illi l-mutur involut fil-kolliżżjoni kienu ħaduhulu s-sena ta' qabel u meta nstab żammewh il-Qorti, kien ilu li ħadu lura xi ħmistax-il ġurnata u l-liċenza għas-sena 1964 ma kienx irrinnovaha. Kien għalhekk illi, immedjatament wara l-kolliżżjoni hu kien qal lill-appellant Heard (kif dan kien xehed) biex ma jsejjaħx lill-Pulizija.

Kienet ċertament kontravenzjoni għal-liġijiet jew ir-regolamenti tal-Pulizija illi l-appellat isuq motor cycle li għal dik is-sena ma kienx liċenzjat. Iżda fil-fehma tal-Qorti din il-kontravenzjoni ma ikkontribwit b'ebda mod għall-kolliżżjoni.

Fit-tieni lok l-appellat ukoll xehed illi kif qabad in-niżla fejn iktar l-isfel il-kolliżżjoni ġrat hu tefa' l-magna u niże!

free. Dan ukoll kien kontra r-regolamenti jew kontra d-detami ta' sewqan tajjeb — u l-qorti tikkonferma illi din iċ-ċirkostanza hasbitha ftit. L-appellant Heard qal fix-xhieda tiegħu "if he (l-appellat) had a little more speed he would probably have managed to pass." Il-Qorti però taħseb illi dan hu "hindsight". L-appellant Heard innifsu qal ukoll fix-xhieda tiegħu illi l-moter cycle, fis-sitwazzjoni li emerġiet, ipprova jieħu evasive action billi jisswervja lejn ix-xellug tiegħu iżda ma kellux żmien li jilħaq imur iżjed lejn ix-xellug: "When I just said that the motor cycle 'had not time' I mean that the distance between them and my car was so short that even though he did try to take same evasive action himself, in fact I saw him trying to swing over to the left, he did not succeed. I do not think it would have been possible for him to brake in that situation, because the collision would have taken place just the same and the braking would probably have thrown him into a skid." Il-Qorti għalhekk ma tistax issib illi dik iċ-ċirkostanza illi l-appellat kien tefa' l-magna ikkontribwit b'xi mod, bħala kawża, għall-kollizzjoni.

Mill-bqija l-Qorti ma jidhriliex li hemm bżonn li jiġu ripetuti raġonamenti oħra magħmulin sew mill-perit ġudizzjarju kemm mill-ewwel Onorabbli Qorti in sostenn tal-konklużjoni avversa għall-appellanti rigward din l-ewwel sentenza. Fil-fehma tal-Qorti l-appell minnha ma jistħoqqlux li jiġi akkolt.

Ikkunsidrat fuq l-appell mis-sentenza tat-28 ta' Frar, 1967.

B'din is-sentenza ġew likwidati d-danni dovuti lill-appellat. Dawn id-danni jikkonsistu fi tliet partiti, ċioè £45 għat-telf kważi total tal-moter cycle; £455 għal telf ta' paga jew qligħ attwali għall-perjodu mill-31 ta' Lulju, 1964 sal-31 ta' Jannar, 1965, mix-xogħol ta' tapezzar, bir-rata ta' £13 fil-ġimgħa għal 35 ġimgħa, — perjodu ta' inkapaċità totali tem-

poranea; u £6,000 bħala kumpens għal telf futur ta' qliegħ *minħabba* inkapaċità parzjali permanenti.

Kif ġie rilevat *mill*-ewwel Onorabbli Qorti, skond l-artikolu 1088 tal-Kodiċi Ċivili d-danni li għandhom jitħallsu fil-każ ta' ħsara kaġunata inġustament jikkonsistu —

"in the actual loss which the act shall have directly caused to the injured party in the expenses which the latter may have been compelled to incur in consequences of the damager, in the loss of actual wages or other earnings and in the loss of future earnings arising from any permanent incapacity, total or partial which the act may have caused.

The sum to be awarded in respect of such incapacity shall be assessed by the court having regard to the circumstances of the case, and, particularly, to the nature and degree of incapacity caused, and to the condition of the injured party."

Issa, kwantu għall-ewwel partita ta' danni akkordata mill-ewwel Onorabbli Qorti (*dik ta'* £45 għat-telf tal-motor cycle), ma ġiet sollevata ebda diffikolta. Dan hu telf materjali dirett kaġonat lill-appellat u dwaru m'hemm ebda kwistjoni.

L-ilmenti ta' l-appellanti li — salvi differenzi ta' dettalji u emfasi — huma komuni għat-tnejn, jirrigwardaw iż-żewġ partiti l-oħra u l-aggravju prinċipali tagħhom hawn fuq ir-rata ta' qligħ fil-ġimgħa li l-ewwel Onorabbli Qorti ħadet bħala bażi u, rigward, l-aħħar partita, fuq il-perċentwali ta' inkapaċità li dik il-Qorti adottat għall-finijiet tal-kalkolu li għamlet. Fi ftit kliem, l-appellanti jikkonsidraw illi sew dik ir-rata ta' qligħ kemm dak il-grad ta' inkapaċità huma bil-bosta esaġerati. Rigward ir-rata ta' qligħ, meħuda bħala bażi l-appellant

Heard jissuġġerixxi li din ma għandhiex tkun ta' iżjed minn £8 fil-ġimgħa. L-appellant Degiorgio jissuġġerixxi xi £9 fil-ġimgħa u bħala perċentwal ta' inkapaċità 10 per cent.

Qabel ma l-Qorti tikkommenta fuq dawn l-ilmenti ta' l-appellanti biex tara jekk humiex ġustifikati u jekk huma, sa fejn, il-Qorti jidhrilha li għandha tagħmel xi rimarki fuq osservazzjonijiet magħmulin fil-petizzjoni ta' l-appell ta' l-appellant Degiorgio li l-Qorti jidhrilha li ma kien hemm ebda lok għalihom.

Dan l-appellant qal fil-petizzjoni tiegħu illi "ma jarahix ħaġa regolari illi xhud prinċipali f'din il-kawża — f'dana l-każ it-tabib li opera u immanipola lill-(appellat) jiġi mqiegħed perit "in causa propria"……u issuġerixxa illi ma kienx hemm prova illi l-ksur tal-ġog sata' ma kienx konness direttament ma l-inċident u seta' kien dovut għal xi ħaġa oħra, per eżempju munipolazzjoni ħażina da parti ta' l-istess tabib. "Kienet tkun aktar ħaġa f'postha" — jissoktar jingħad fil-petizzjoni — "li ġie appuntat tabib estraneu għall-każ biex jirrelata u jistma d-danni."

Issa għandu jiġi osservat illi dan l-appellant li kien ġie notifikat biċ-ċitazzjoni ta' l-appellat sa mill-bidu sata' kieku ried, jintervjeni mill-ewwel fil-kawża fi prim istanza u isemmi r-raġunijiet tiegħu kontra l-pretensjonijiet ta' l-appellat. Kieku għoġbu jintervjeni kien talvolta jista', jekk kien ikun jidhirlu rigward il-grad ta' inkapaċità kaġonata lill-appellat jitlob in nomina ta' esperti oħra u, in ġenerali, jagħmel lil dak it-tabib, u kwantu prodott bħalu xhud mill-appellat jew bħala espert nominat mill-Qorti kull kontroeżami li kien ikun jidhirlu xieraq. Invece hu għażel li jiġi 'l quddiem issa biss fl-appell. L-appellant l-ieħor Heard ma qanqal ebda kwistjoni fi prim'istanza fuq in-nomina tat-Tabib Bartolo magħmula mill-ewwel Qorti, bħala espert biex jirrelata dwar il-grad ta' inkapaċità

ta' l-appellat.

Din il-Qorti ma ssib xejn irregolari f'dik in-nomina: u tiddeplora illi l-appellant Degiorgio issuġġerixxa, illi sew fid-deposizzjoni li t-Tabib Bartolo ta bħala xhud jew fl-opinjoni li hu esprima bħala espert fuq il-grad ta' inkapaċità, hu kien "in causa propria" bħallikieku biex jgħatti xi żball li kien għamel bħala tabib li opera u ikkura lill-appellat. M'hemm ebda ħjiel ta' ġustifikazzjoni fil-proċess għal din l-insinwazzjoni. Għal dawk li kienu l-lesjonijiet li l-appellat ġarrab bħala effett dirett tal-aċċident din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, toqgħod bla ebda esitazzjoni ta' xejn fuq ix-xhieda ta' Dottor Bartolo. Il-kalkolu ta' inkapaċità li dan it-tabib għamel bħala espert, kien opinjoni li hu esprima, li ċertament kienet timmerita li tiġi kunsiderata bir-rispett dovut mill-Qorti imma, bħala opinjoni ta' kwalunkwe espert, ma kienitx torbot lill-ewwel Qorti u issa ma torbotx lil din il-Qorti. L-appellant Degiorgio kellu kull dritt jissottometti illi dik l-opinjoni hi żbaljata: imma ma kellu ebda ġustifikazzjoni jinsinwa, kif intqal, illi kienet jew setgħet kienet influwenzata minn motivi improprji. Għandu jingħad illi Dottor Bartolo ġie nominat espert biss biex jikkalkola l-grad ta' inkapaċità u mhux dwar il-kwalità jew effiċjenza tat-trattament adoperat li kienet tkun kwistjoni differenti, u, jerġa' jingħad ukoll ebda kwistjoni dwar il-kwalità ta' trattament u kura ma ġiet imxejna quddiem l-ewwel Qorti.

Issa m'hemmx dubju illi, bħala konsegwenza diretta ta' l-aċċident, l-appellat ġie korrut gravament. Kif xehed Dottor Bartolo, hu kellu frattura tal-femore tax-xellug u kellu wkoll frattura u dislokazzjoni tar-'right hip joint' li fiha kiser ir-ras ta' l-għadma fi tnejn, nofsha baqgħet fil-ġog u n-nofs l-ieħor ġie slugat: kien hemm ukoll frattura ta' l-għonq ta' l-għadma. Hu dam ħafna l-isptar u fl-ewwel jumejn kien anki fil-periklu tal-mewt. Il-frattura tal-femore damet xi erba' xhur ma għaqdet. Però l-iktar li kienet gravi kienet il-frattura u

dislokazzjoni tal-ġog għaliex il-frattura ma setgħetx tiġi korretta bil-manipulazzjoni li ġiet pruvata. Għalhekk kellha ssir operazzjoni biex tneħħiet il-biċċa miksura li kien hemm fil-ġog u li "stump" ġie mdaħħal fis-socket. Dan sar biex tiġi mogħtija lir-raġel stabbilità; iżda b'dana kollu dak li għandu issa l-appellat hu "ġogfalz" u għalhekk ma għandux l-istabbilità neċessarja normali għal bniedem. Dan ifisser illi l-appellat ma jistax iżomm fuq sieq waħda. Din l-istabbilità hi iżjed importanti f'ġog li jrid jerfa' l-piż tal-ġisem.

Inoltri l-appellat issa għandu inegwalità fit-tul tar-riġlejn: id-differenza hi ta' pulzier fuq in-naħa tax-xellug fejn kellu l-ksur tal-femore, u allura għandu bżonn ta' żarbun speċjali biex jikkumpensa.

Wara xi xhur ta' kura wara l-operazzjonijiet l-appellat rieġ jibda jittrenja biex jidra jimxi, anzi jitgħallem jimxi. Il-progress kien bil-mod. Qabel kien bil-krozzi, issa hu kapaċi jimxi fuq bastun.

Dottor Bartolo żied jgħid illi hu ma kellu l-ebda dubju illi l-appellat qed isofri minn debilita permanenti minħabba nuqqas ta' stabilità fil-ġog tal-koxxa tal-lemin. Il-ħsara li sofra fil-koxxa tax-xellug ma iġġiblux debilità permanenti għax tiġi kompensata biż-żarbun. Dottor Bartolo ikkalkola illi l-appellat tilef 50 per cent mill-kapaċità fis-sengħa tiegħu ta' xogħol. Dan illum, 'il quddiem m'hemm ebda dubju li tifforma ruħha osteoartrite li tipprovoka uġigħ u diżabilità ulterjuri 'in the long run'. Għalhekk 'il quddiem jista' jkun illi d-diżabbilità għar-raġunijiet fuq imsemmija titla anki sa 60 per cent. Dan il-grad ta' diżabbilità it-tabib Bartolo qal li ma kkunsidrahx fil-kwadru tal-mestier partikolari ta' l-appellat iżda fil-kwadru ta' bniedem bħal ħaddieħor ta' l-istess età tiegħu.

Għal xi xhur, mela, l-appellat bħala effett dirett tal-korri-

ment baqa' rikoverat l-isptar u għal xi żmien wara, minħabba l-konsegwenzi tagħha, baqa' impedut għal kollox milli jista' jaħdem. Meħud rigward ta' dak li xehed Dottor Bartolo flimkien ma dik li xehed l-appellat innifsu, l-ewwel Onorabbli Qorti tikkalkola li dan il-perjodu dam b'kollox 8 xhur ossija 35 ġimgħa.. Dwar it-tul ta' din il-perjodu ebda lment speċifiku ma sar mill-appellanti: anzi, waqt it-trattazzjoni ta' l-appell, iż-żewġ avukati ta' l-appellanti ddikjaraw illi fuq dak il-punt ma kellhom x'jirrimarkaw xejn u t-tul l-perjodu kif kalkolat mill-ewwel Qorti sata' jiġi aċċettat. Din il-Qorti jidhrilha, fi kwalunkwe każ illi, il-kalkolu ta' l-ewwel Onorabbli Qorti kien, jekk xi ħaġa pjuttost konservattiv.

Dak li, *invece*, kif ġa ntqal, l-appellanti kkontestaw strenwament hu r-rata ta' qligħ fil-ġimgħa li biha, fis-sentenza appellata, ġie kalkolat it-telf li l-appellat bata f'dak il-perjodu (u, kif ser jingħad. it-telf li ser jbati 'l quddiem).

Għab-bażi tal-provi li kellha quddiemha, din il-Qorti ma jidhriliex illi r-rata ta' qliegħ ta' £13 fil-ġimgħa kif stabbilita mill-ewwel Onorabbli Qorti kienet esaġerata.

Fiż-żmien tad-disgrazzja l-appellat kien jaħdem bħala tapezzar. Hu kien tgħallem, kif xehed, ma ħafna tappezzara u kellu s-sengħa regolari. Għal bidu hu kien jaħdem b'salarju, bħala impjegat regolari; imbagħad beda jaħdem għal rasu, jiġifieri bl-imqieta. Meta kien jaħdem għall-rasu ikkalkola li kien jaqla' bħala average £15 fil-ġimgħa. Ġie li anki qala' £30 f'ġimgħa u ġie li anqas u ġie li anki aktar kif qala' fl-aħħar ġimgħa qabel korra meta daħħal £40.

Anki meta x-xhieda ta' l-appellat tiġi kontrollata b'dak li xehed Lawrence Seychell, ir-rata ta' qligħ fil-ġimgħa ta' £13 stabbilità mill-ewwel Onorabbli Qorti ma tidhirx inflazjonata. Id-disgrazzja ġrat fil-31 ta' Mejju, 1964 meta l-appellat kellu

x: 22 sena u ġa kien miżżewweġ u kellu żewġt itfal. Sa fejn jidher hu kien jiflaħ għax-xogħol, u kien bieżel u, minħabba l-familja kellu evidentement inċentiv biex jaħdem. Kif anki jidher x-xogħol ta' tapezzar jitħallas tajjeb u li t-tapezzara jaqilgħu mhumiex abbondanti.

Għalhekk din il-Qorti ma ssibx raġuni biex tiddisturba l-partita ta' £455.0.0. likwidata fis-sentenza appellata bħala danni dovuti lill-appellat għat-telf ta' qligħ effettiv jew attwali li hu bata matul il-perjodu ta' 35 ġimgħa hawn fuq imsemmija.

Tibqa' għalhekk il-kwistjoni tat-tielet partita ta' danni li, fil-każ preżenti, hi bil-wisq l-aktar importanti. Din il-partita skond il-liġi tagħna trid tikkonpensa lill-appellat għat-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċita parzjali permanenti li hu ġarrab b'konsegwenza tal-korriment. Kif ġa intqal l-ammont għandu, skond il-liġi, jiġi likwidat mill-Qorti meħud rigward taċ-ċirkostanzi tal-każ u, partikolarment, tan-natura u grad ta' l-inkapaċità u tal-kondizzjoni tad-danneġġjat. S'issa l-liġi tagħna — kif ġa ġie rilevat fis-sentenza appellata — tipprovdi għal kumpens għat-telf pekunjarju biss u f'dan hi inferjuri għal-liġijiet ta' pajjiżi oħra progressivi li jipprovdu anki għal kumpens, — xi drabi l-uniku possibbli, għat-"telf personali" li jinkludi "the lesser impassment of the integrity of the body; pain and suffering, both physical and mental; loss of the pleasures of life; actual shortening of life; and, at least in some cases, mere discomfort and inconvenience" (Munkman "Damages for Personal Injuries and Death" (1956) p. 62). Ta' min jawgura illi din il-fergħa tal-liġi tagħna ma ddumx ma tiġi kif jixraq riformata. Id-differenza ta' rimedju provdut fil-liġi tagħna paragunat ma dak provdut, per eżempju, fil-liġi Ingliża dehret b'mod flagranti u li għandu jiġieghel lil min hu responsabbli jitħasseb bis-serjetà u bla dewmien f'każ reċenti li ġie quddiem il-Qrati Ingliżi fejn il-

kwistjoni kienet jekk id-danni sofferti minn bniedem Ingliż li ġie korrut hawn Malta b'tort ta' Ingliż ieħor, f'aċċident stradali, għandhomx, f'kawża quddiem dawk il-Qrati, jiġu likwidati skond il-liġi Ingliża (lex fori) jew skond il-liġi Maltija (lex for delicti) u ġie kalkolat illi dak li kien ikun jista' jingħata skond il-liġi Maltija kien ikun £53 mentri dak li sata' jingħata u ingħatx skond il-liġi Ingliża kien £2303. ("Boys v. Chaplin", Times Law Report, December, 7, 1867).

Peress illi, kif ukoll ġie rilevat fis-sentenza appellata, kien biss fl-1962 li ġiet imneħħija l-limitazzjoni sa £1,200 qabel stabbilita għal danni dovuti għal telf ta' qligħ futur kaġonati kolposament — limitazzjoni li, kif din il-Qorti kienet aktar minn darba osservat, kienet timpedixxi lil Qrati li jagħmlu ġustizzja mad-danneġġjat jew il-familja tiegħu — għad ma jistax jingħad li ġew stabbiliti "current ranges of damages" li għalihom wieħed jista' jirriferixxi, bħala kriterju ta' paragun ma każijiet oħra più o meno simili. Anqas ma jista' jingħad li ġie stabbilit xi metodu partikolari ta' kif kalkolu ta' telf ta' qligħ futur għandu jsir. Sostanzjalment din il-Qorti taqbel ma l-metodu adottat mill-ewwel Onorabbli Qorti f'każ bħal preżenti. Salva għal issa l-kwistjoni taċ-ċifri adoperati — Dana mhux l-uniku metodu possibbli, iżda fil-fehma tal-Qorti hu metodu sostanzjalment ġust u prattiku. Skond dan il-metodu jinsab, għab-bażi tal-provi, b'kemm il-qligħ tad-danneġġjat. ngħidu aħna kull ġimgħa, għandu jitqies li ġie permanentement ridott għall-futur konsiderati ukoll il-prospetti li d-danneġġjat kellu qabel il-korriment u dawk il-possibbli aċċidenti li setgħu, anki kieku l-korriment ma ġarax jinfluwixxu fuq il-qligħ u dak it-telf jiġi moltiplikat għal numru ta' snin, meħud rigward ta' l-età u stat ta' saħħa tad-danneġġjat u ċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ. In-numru ta' snin adottat bħala 'multiplier' ma għandux ikun ibbażat fuq l-aspettativa tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettativa tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għandu jieħu rigward taċ-chances and changes" tal-

ħajja. Il-fatt illi d-danni ser jitħallsu f'daqqa taħt forma ta' kapital hi wkoll ċirkostanza li għandha tittieħed f'konsiderazzjoni bħala raġuni ta' moderazzjoni.

Tibqa', għalhekk, il-kwistjoni taċ-ċifri.

Il-punt ta' partenza f'każ bħal preżenti hu kemm kien jaqla' l-appellat fiż-żmien tad-disgrazzja. Dwar daqshekk ġa ġie kunsidrat aktar 'il fuq illi, fuq il-provi fil-proċess, l-ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx inġustifikata li taċċetta ċ-ċifra ta' £13 fil-ġimgħa. M'hemm xejn li juri illi, apparti mill-aċċident, il-prospetti ta' l-appellat kienu ħżiena u li dan il-qliegħ kien aktarx jonqos. Hi anzi notorja it-tendenza li l-pagi u l-qligħ jikbru.

L-ewwel Onorabbli Qorti irriteniet illi dan il-qligħ ta' £13 fil-ġimgħa għandu, minkejja jitqies li naqas b'60 per cent ossija £7.16.0. fil-ġimgħa b'mod illi l-appellat issa u għall-futur kapaċi li jaqla' biss £5.4.0.

Din hi l-kwistjoni li l-aktar tippreokkupa l-Qorti f'dan il-każ. Kif ġa intqal, Dottor Bartolo xehed illi l-appellat tilef 50 per cent mill-kapaċità lavorativa tiegħu u 'l quddiem din il-perċentwali u aktarx titla' anki għal 60 per cent. Dan il-grad ta' diżabilità, Dottor Bartolo qal, hu ma kkunsiderahx fil-kwadru tal-mestier partikolari ta' l-appellat iżda fil-kwadru ta' bniedem bħal ħaddieħor ta' l-istess età tiegħu. Din il-Qorti tifhem dan il-kliem li jfisser illi l-grad ta' inkapaċità, Dottor Bartolo stabbilih indipendentement mill-mestier partikolari ta' l-appellat: fi kliem ieħor, għalih il-grad ta' inkapaċita kien ikun l-istess fil-każ ta' kwalunkwe bniedem ieħor ta' l-istess età li jsofri korriment ta' l-istess xorta. Dan voldiri illi, fl-opinjoni ta' Dottor Bartolo l-grad ta' inkapaċita xorta waħda kien ikun dak li hu semma, anki kieku, ex hypotesi l-mestier tiegħu kien, per eżempju sedentarju.

Iżda, il-Qorti jidhrilha illi għall-finijiet legali issa in diskussjoni l-kwistjoni vera hi li jiġi aċċertat kemm l-inkapaċità sofferta mill-appellat tinfluwixxi fuq il-kapaċità tiegħu ta' qligħ. Kif intqal anki mill-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana, il-valutazzjoni tat-telf ta' qligħ "*si deve effettuare non già con criterio astratto su un determinato adumo teorico offerto dalla perizia, ma presumendo la misura dell'influenza dell'evento sulla consistenza patrimoniale del danneggiato, nel senso che vi stato per tale fatto una diminuzione del suo patrimonio.*" Dak li jrid jiġi stabbilit mhuwiex il-grad ta' inkapaċità f'sens purament mediku *iżda l-effett illi l-ħsara* personali għandha fuq il-qligħ tad-danneġġjat. In ridazzjoni effettiva tal-qligħ tista' *ma* tikkorrispondiex *mal*-grad ta' menomazzjoni fiżika tad-danneġġjat kif kalkolata mit-tabib.

L-ewwel Onorabbli Qorti adottat il-perċentwali ta' 60 per cent imsemmija *minn* Dottor Bartolo: u anzi *qalet* illi kieku kellha tiġi kunsiderata s-sengħa ta' l-appellat bħala tapezzar kienett kun kostretta li tgħolli dik il-perċentwali anki sa 90 per cent. Jista ċertament jingħata l-każ u forsi anki hu aktarx hekk illi l-inkapaċità għax-xogħol speċifiku tkun akbar mill-inkapaċità għax-xogħol ġeneriku. Iżda fid-dawl tal-provi l-Qorti ma jidhrilhiex li kellha tiġi adottata perċentwali ta' telf ta' qligħ hekk għolja, anqas ta' 60 per cent. Il-Qorti ġa qalet illi l-mankament soffert mill-appellat hu indubjament gravi u serju: iżda ma jidhrilhiex illi, kunsidrat dan il-mankament anki in rigward tal-mestier tiegħu bħala tapezzar, inaqqas b'daqstant il-kapaċità tiegħu ta' qligħ. L-appellat xehed (quddiem il-perit Felice) illi hu kien jaħdem ta' tapezzar sija fil-mobbli kemm fil-karrozzi u kien mgħallem u mhux lavrant. Meta raġa' xehed quddiem l-ewwel Qorti qal illi hu tapezzar ta' kollox: "Wara l-inċident u meta ġie mhux ħażin hu impjega ruħu ma ċertu Steel, tapezzar tas-salotti, iżda dan illiċenzjah wara ġimgħa għax ma *setax joqgħod* bil-wieqfa." *Il-Qorti tifhem*

il-kliem sottolineat bħala li jirriferixxi għal żmien pjuttost viċin dak li l-appellat ma baqax l-Isptar: mentri jidher illi, għal dak li hu mixi u moviment l-appellat fortunatament għamel progress minn dak iż-żmien: għall-ewwel beda jimxi bil-krozzi, imbagħad b'żewġ bsaten u issa b'bastun wieħed. L-appellat żied jixhed illi miż-żmien li telaq minn ma Steele "reġgħu bagħtu għalih tnejn min-nies oħra, iżda ma aċċettax għax beża' li ma jirnexxielux jaħdem." Ix-xogħol ta' tapezzar, kompla jgħid, kontinwament jirrikjedi li wieħed joqgħod bil-wieqfa: kull tant tista' toqgħod bil-qiegħda, però idejk mhumiex għal bizzejjed biex tlaħħaq: trid anki tmexxi l-mobbli minn banda għall-oħra. Għandu però jiġi osservat illi l-appellat stess xehed illi sa sagħtejn hu jista' joqgħod bil-wieqfa, imbagħad jgħeja. Dan il-kliem il-Qorti taħseb li jfisser biss illi bejn perjodu ta' waqfien u ieħor, l-appellat ikollu bżonn ta' perjodu raġonevoli ta' mistrieħ.

Lawrence Seychell xehed illi għax-xogħol modern l-appellat ma kienx jimpjegah għax dan ix-xogħol jirrikjedi waqfien kontinwu: iżda jekk wieħed jiddedika ruħu, u jkun biżżejjed espert, għax-xogħol tat-tapezzerija ta' mobbli antiki u ċkejknin, jista' jaħdem bil-qegħda anki l-ġurnata kollha.

L-appellat ukoll xehed illi jekk 'il quddiem ikollu xi ħaġa hu forsi jkun jista' jarma u jaħdem għar-rasu: waħdu u mannies jaħdem u jkun irid minn jgħinu. Dan hu appuntu dak li l-Qorti taħseb u tispera li jista' jsir issa l-appellat ser jirċevi bħala kumpens somma kapitali li jkun jista' jarma għar-rasu u jkollu min jgħinu. Fil-waqt illi ċ-chances li l-appellat jimpjega ruħu ma ħaddieħor ma jidhrux li jippromettu, iċ-chance illi l-appellat jarma għar-rasu u jqabbad lil min jgħinu jidher li hu reali u fondat.

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti hi ta' fehma illi d-deminuzzjoni ta' kapaċità ta' qligħ fl-appellat ma għandhiex titqies li

hi aktar minn, ngħidu aħna, 45 fil-mija.

Rigward il-'multiplier' din il-Qorti, meqjusin iċ-ċirkostanzi, ma ssib xejn kuntrarju x'jista' jingħad għal dak ta' 15-il sena adoperat mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Issa valutazzjoni ta' din ix-xorta qatt ma tista' ssir bi preċiżjoni matematika. U marġini ta' l-attitudini deskrizzjonali jrid jitħalla bil-fors. Però meqjus kollox ma kollox din il-Qorti hi ta' fehma illi l-ammont akkordat mill-ewwel Onorabbli Qorti hu għoli wisq u taħseb illi d-danni dovuti għal din il-partita ma għandhomx ikunu aktar minn £4,600. Ġa ntqal illi anki li qatt illi l-kumpens ser jitħallas b'kapital f'daqqa hu ċirkostanza li għandha tittieħed f'konsiderazzjoni. Anki in vista ta' dan biss il-Qorti jidhrilha illi l-ammont ta' £6000 hu ġeneruż bosta anki jekk stess tittieħed bħala perċentwali ta' telf ta' qligħ iċ-ċifra ta' 60 per cent fissata mill-ewwel Onorabbli Qorti jekk tiġi investita bir-rata ta' interessi issa korrenti, kważi tagħti ammont ta' interessi li hu bi ftit inqas mit-telf ta' qligħ annwali anki kif kalkolat minnha. Dana jidher li hu wisq għaliex kif jgħid Mc Cormick (ċitat minn Kemm and Kemp "The Quantum of Damages in Personal Injuries Claims" (1954) p. 97 n.) "this would give the plaintiff his lost wages during the period of disability, which is full compensation, and at the end of his life he would still have intact the principal sum".

Meta ma dan l-ammont ta' £4600 jiżdiedu ż-żewġ partiti l-oħra qabel imsemmija l-ammont kollu ta' danni li għalih hu ntitolat l-appellat jiġi ta' £5,300.

Dwar l-aħħar paragrafu tal-petizzjoni ta' l-appellant Heard, hu forsi biżżejjed li jingħad illi l-aħħar provi nstemgħu fis-seduta tal-10 ta' Diċembru 1966 meta l-appellat iddikjara illi l-provi tiegħu kienu lesti. Imbagħad fil-25 ta' Jannar, 1967 il-kawża baqgħet differita għas-sentenza u din ma ngħatatx

ħlief fit-28 ta' Frar. Anqas f'dan l-intervall ma sar xejn da parti ta' dan l-appellant biex il-Qorti tippermetti xi produzzjoni ta' xhieda jew provi oħra opra fl-interess tiegħu jew biex jingħata xi provvediment ieħor.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi:—

Tiċħad iż-żewġ appelli in kwantu dirett kontra s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tat-30 ta' Ġunju, 1966 bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

Tilqa' dawk l-appelli in kwantu diretti kontra s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tat-28 ta' Frar, 1967, fis-sens biss li tirriduċi l-ammont tad-danni dovuti lill-appellat għas-somma ta' £5,100 (ħamest elef u mitt lira) bl-ispejjeż fuq dan il-kap tant ta' prim'istanza kemm ta' l-appell, kwantu għal tliet kwarti għall-appellant u kwart għall-appellat.